**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**
**Magistrat Dr. Monica Vella LL.D., M. Jur.**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Godwin Scerri)**

**vs**

**Roderick Monreal**

**Kawza numru: 2055/2023**

**Illum, 15 ta' Jannar 2025**

Il-Qorti;

Rat l-akkuza prezentata mill-Pulizija Ezekuttiva nhar is-07 ta' April 2023, kontra l-imputat:

**Roderick Monreal, iben Joseph u Tereza nee Micallef, imwieled ir-Rumanija nhar it-13 ta' Jannar 1991, u residenti 13B, St Martin Street, Rabat, detentur tal-karta tal-identita' numru 613491M;**

Akkuzat talli nhar il-5 ta' April 2023 fil-hinijiet ta' filghaxija naqas li jhares il-kundizzjonijiet ta' zewgt digrieti ta' helsien tal-arrest imposti fuqu mill-Magistrat Dr Simone Grech LL.D., b'tali digrieti datati 3 ta' Settembru 2021

u 31 ta' Jannar 2023, bi ksur tal-Artikolu 579(1) u (2) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti giet gentilment mitluba sabiex tirrevoka contrario imperio d-digriet tal-helsien mill-arrest u tordna l-arrest mill-gdid tal-imsemmi Roderick Monreal, kif ukoll tordna s-somma ta' 5,000 Ewro u 10,000 Ewro bhala garanzija personali li gew imposti fuqu sabiex jaghmlu tajjeb ghal beneficcju tal-helsien mill-arrest u jghaddu favur il-Gvern ta' Malta ai termini tal-Artikoli 579(3) tal-kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti giet ukoll gentilment mitluba sabiex f'kaz ta' htija tikkonsidra lil Roderick Monreal bhala recediv ai termini tal-Artikoli 49, 50 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.[1]

Rat li l-imputat wiegeb hati tal-akkuza kif dedotta meta tressaq b'arrest fis-seduta tas-07 t'April 2023.[2]

Rat il-fedina penali tal-imputat prezentata in atti mill-prosekuzzjoni[3].

Regghet rat it-talba tal-imputat fis-seduta tas-7 ta' April 2023 fejn talab li jsir *pre-sentencing report*, liema talba giet milqugha dak in-nhar stess.[4]

Rat l-atti kollha.

Semghet ix-xhieda.

Rat u qieset id-dokumenti u provi kollha prodotti.

[1] Folio 3 tal-process.
[2] Folio 5 tal-process.
[3] Folio 8 tal-process.
[4] Folio 5 tal-process.

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet fis-seduta ta' nhar is-27 ta' Novembru 2024.[5]

Rat illi l-kawza thalliet ghal-lum ghas-sentenza.

**Ikkunsidrat:**

**Il-Fatti fil-Qosor.**

Dan il-kaz jirrigwarda allegat ksur ta' kundizzjoni ta rinkazar f'zewg digrieti li permezz taghhom l-imputat inghata l-beneficcju tal-helsien mill-arrest, liema digrieti inaghataw minn din il-Qorti kif diversament preseduta nhar it-3 ta' Settembru 2021 u l-ohra fil-31 ta' Jannar 2023 mill-Onorevoli Magistrat Dr. Simone Grech. Qed jigi attribwit lill-imputat li hu ma obdiex l-ordnijiet ta' rinkazar hekk kif stipulati fl-imsemmija digrieti.[6]

**Ikkunsidrat:**

Illi fl-ewwel seduta l-imputat ammetta ghall-akkuza kif dedotta u talab illi jsir pre-sentencing report.

Illi, qabel il-prolazzjoni tas-sentenza fis-seduta tal-lum, il-Qorti semghet lill-imputat jerga' jikkonferma l-htija tieghu fir-rigward tal-akkuzi migjuba kontra tieghu.

Il-Qorti regghet tat zmien ragonevoli lill-imputat sabiex jirrikonsidra l-ammissjoni tieghu u wara li l-Qorti spjegatlu l-portata tal-akkuži, il-konsegwenzi ta' tali ammissjoni, il-piena erogabbli ghall-istess akkuzi, u tat

[5] Folio 98 tal-process.
[6] Folio 9 u 10 tal-process. Ara ukoll stwarrijiet a folio 15 sa 16A tal-process.

lill-imputat zmien sabiex jirrikonsidra l-ammissjoni tieghu, l-imputat reġa' ikkonferma l-ammissjoni tieghu ghall-akkużi migjuba kontra tieghu.

**Ikkunsidrat:**

**Provi**

Xehed l-ufficjal tal-probation **Joseph Mizzi** nhar it-2 ta' Mejju 2023. Jghid li l-imputat ghandu bzonn terapija kontinwa u li z-zewg testijiet ta' urina li sarulu irrizultaw pozittivi ghal kokaina u eroina. Jghid li l-imputat ma ghamilx kuntatt ma' agenziji li joffru ghajnuna fuq dipendenza ta' droga. Jghid li l-imputat ghandu bzonn jahdem fuq l-atitudni tieghu u jiddikjara illi:

'***b' mod partikolari jrid jkun enfasizzat il-bzonn ghal trattament holistiku presonalizzat li jista' jeleva lill-imputat mill-problemi li ghandu u dan possibilment jista' jsir f'post kontrollat bhal programm residenzjali jekk ikun hemm il-bzonn.***'[7]

Rega' xehed Joseph Mizzi nhar it-8 ta' Gunju 2023 fejn ipprezenta l-pre sentencing report.[8]

**Ikkunsidrat:**

Permezz ta' digriet tat-3 ta' Mejju 2023 l-imputat inghata l-helsien mill-arrest in konnessjoni ma' dawn il-proceduri taht diversi kundizzjonijiet, fosthom li jidher quddiem din il-Qorti kull darba li hekk jigi imsejjah.[9]

[7] Folio 37 tal-process.
[8] Folio 58 tal-process.
[9] Folio 45 tal-process.

L-Ufficcjal tal-Probation jghid li l-imputat ghandu problem ta' droga u rabbja u jghaddi minn perjodi ta' depressjoni. Jghid li l-imputat qatt ma ghamel jew kellu kuntatt ma' agenziji li jikkuraw persuni dipendenti mid-droga. Jghid li l-imputat spjega li kien jaghmilha ma' persuni li accettawh pero' shabu kienu akbar minnu. Jghid li l-imputat spjega li hu kien jigi "bullied" l-iskola.

Ir-rapport jirrakkomanda:

'***Fic-cirkostanzi, ghaldaqstant, qed ikun rakkomandat li tkun esplorata sentenza bbazata fil-komunita' flimkien ma' Ordni ta' Trattament sabiex jircievi sapport mehtieg u jzomm ' il boghod mill-kriminalita***'.[10]

L-imputat kien assenti u ma deherx quddiem din il-Qorti ghas-seduta tas-26 ta' Ottubru 2023.[11] Ma nghatat l-ebda spjegazzjoni ghal dan in-nuqqas.

Gie ipprezentat rapport nhar 1 ta' Dicembru 2023 mill-ufficjal tal-probation Joseph Mizzi fejn qal hekk dwar l-andamanet ta' l-imputat:

***'Ta' min jinnota li l-andament ta' Monreal ma kienx wiehed li juri sinjali pozittivi.... Huwa ppospona tliet appuntamenti u f'zewg appuntamenti ohra ma setghetx issir laqgha kif suppost ghax darba attenda tard u darb ohra kien mghaggel'.***[12]

'***Fil-perjodu ta' supervizjoni fis-socjeta' Roderick wera nuqqas ta' dixxiplina u ma weriex progress fl-imgieba tieghu ghax ma kienx stabbli. Minhabba nuqqas ta' stabilita', huwa ma ssottomettiex testijiet tal-urina u***

[10] Folio 66 tal-process.
[11] Folio 76 tal-process.
[12] Folio 77 tal-process.

***kien difficli ghall-Ufficjal tal-Probation sabiex jibda pjan ta' kura mal-imsemmi kontra xi vizzji..... ma kienx juri motivazzjoni.....**'*[13]

L-imputat rega' kien assenti u ma deherx ghas-seduta tat-23 ta' Jannar 2024[14]. Ghal dan in-nuqqas ukoll ma nghatat l-ebda spjegazzjoni.

Illi fil-frattemp l-imputat spicca mizmum taht arrest preventive fil-Facilita Korrettiva ta' Kordin fuq akkuzi ohra.

***Illi nhar it-22 ta' Mejju 2024, l-ufficjal tal-probation Mizzi Josephipprezenta rapport t'aggornament nhar it-22 ta' Mejju 2024 fejn jghid li l-imputat jinsab mizmum il-habs that arrest preventive u li fil-habs hu qed jirrejalizza li l-atitudni hazina tieghu kissritu minn mal-familja.***

Ikompli jghid li:

***'Ghalkemm bhalissa Monreal ghandu x-xewqa li jirrijabilita ruhu, jibqa' d-dubbju dwar il-motivazzjoni tieghu u l-hsieb genwin li ghandu, ghax mill-esperjenza passata, jidher li mhux facli jsegwi pjan u jobdi direttivi moghtija lilu.'***[15]

**Ikkunsidrat:**

Fuq il-kwistjoni tal-ksur tal-liberta' pprovizorja din il-Qorti ftit li xejn ghandha x' tikkummenta. Kull ksur ta' ordni ta' liberta' prrovizorja huwa

[13] Folio 78 tal-process.
[14] Folio 81 tal-process.
[15] Folio 91 A tal-process.

hazin specjalment jekk f'dik l-ordni ikun hemm kundizzjonijiet li jippruvaw jindirizzaw il-problemi tal-imputat.

Il-Qorti semghet l-ammissjoni inkondizzjonata tal-imputat hekk kif fl-ewwel seduta huwa iddikjara ruhu hati tal-akkuzi migjuba fil-konfront tieghu.

Illi stante l-ammissjoni tal-imputat l-akkuzi jinsabu pruvati u l-Qorti ma tistax hlief issib htija fl-imputat.

**Ikkunsidrat:**

Illi fis-seduta tal-lum, qabel il-prolazzjoni tas-sentenza, il-Qorti semghet lill-imputat jikkonferma l-htija tieghu fir-rigward tal-akkuzi migjuba fil-konfront tieghu.

Illi l-Qorti fis-seduta tal-lum, qabel il-prolazzjoni tas-sentenza, regghet tat zmien ragonevoli lill-imputat sabiex jirrikonsidra l-ammissjoni tieghu u wara li l-Qorti spjegatlu l-portata tal-akkużi, il-konsegwenzi ta' tali ammissjoni, il-piena erogabbli ghall-istess akkuzi, l-imputat reġa' ikkonferma l-ammissjoni tieghu ghall-akkużi migjuba kontra tieghu.

**Ikkunsidrat:**

Minn dak kollu hawn fuq riportat u milli ampjament jirrizulta mill-atti jidher li l-imputat ghandu problemi serji ta' imgieba, familjari, socjali, psikologici kif ukoll ta' abbuz ta' droga. Dawn il-Qrati dejjem taw l-opportunita' lil min irid jidritta hajtu biex jaghmel dan. Anki din il-Qorti kemm kif ppreseduta kif ukoll kif diversament ppresduta jidher li sa mill-2021, ossija d-data tal-

ewwel helsien mill-arrest ikkoncediet lill-imputat din il-liberta' biex jiehu l-opportunita u jaqbad il-hajja tas-sewwa.

L-imputat hela tal-anqas tlett (3) snin jipprova min ghalih jidhak bis-sistema gudizzjarja li wara kollox swietu biex jahraq hajtu u jidhak BISS bih innifsu. Minghajr dubbju meta wiehed jara l-kumpless tal-problemi socjali redatti mill-ufficju ta' probation jidher car u tond li fis-sitwazzjoni prezenti l-imputat mhux ta' min jafdah. Hu ta' perikolu ghalih u ghas-socjeta'. Huwa ghandu bzonn li jigi kontenut forsi jirrejalizza li ghandu bzonn l-ghajnuna u jekk ma jaccettax tali ghajnuna u jipprova jindirizza l-problemi li ghandu bis-serjeta' ser ikompli jahli hajtu b'konsegwenzi ghalih u dawk ta' madwaru, li sfortunatament fil-kuntest tal-abbuz tad-droga jistghu anke jkunu fatali.

Il-fatt li hu issa huwa daru mal-hajt u ammetta l-akkuzi kif dedotti mal-ewwel dehra tieghu quddiem din il-Qorti ma jintitolahx awtomatikament ghal xi skont mill-piena karcerarja. Wiehed irid ifakkar li kif inhu ben risaput l-ammissjoni bikrija ma tintitolax lill-imputat ghal xi skont mill-piena b'mod awtomatiku.[16]

F'dan il-kuntest, il-Qorti tqis li piena karcerarja biss tista' forsi sservi biex l-imputat jidritta hajtu, jiehu l-ghajnuna mehtiega u jibda jghix. Hekk biss jista' ma' jkunx ta' perikolu ghal terzi u anke ghalih innifsu[17].

[16] Ara f' dan is-sens is-seggwenti sentenzi decizi mill-Qorti tal-Appelli Kriminali- **Il-Pulizija vs Emanuel Testa** ( App. Nru. 152/2002) deciza per Onr. Imhallef Vincent De Gaetano; **Il-Pulizija vs Christ Paul Camilleri** ( app. Nru. 128/2018) per Onr. Imhallef Aaron Brugeja; **Il- Pulizija vs Costantino Felice et** ( App. Nru. 210/2007) per Onr. Imhallef Joseph Galea Debono, **Il-Pulizija vs Angel Attard** ( App. Nru. 148/2005) per Onr. Joseph Galea Debono, **Il-Pulizija vs Paul Calleja** ( App. Krim. 307/2008) per S.T. Onr. Prim Imhallef Vincent De Gaetano.

[17] Ara fuq l-istess hsieb kif ikkonfermat il-Qorti tal-Appell Kriminali fis-sentenza **Il-Pulizija vs Keith Azzopardi** (App. Nru. 206/2023) deciza fis-27 ta' Novembru 2024 per Onorevoli Imhallef Edwina Grima.

**Ikkunsidrat:**

Ghaldaqstant, il-Qorti tqis illi l-imputat ghandu jinstab hati tal-akkuzi kollha kif dedotti kontra tieghu. Il-Qorti tqis ukoll, illi stante li l-imputat minkejja li gie akkuzat bi ksur ta' kundizzjoni tal-helsien mill-arrest, moghtija lilu f'zewg digrieti, tul dawn il-proceduri kiser ukoll kundizzjoni ohra fl-istess digrieti meta hu mhux biss ghal darba izda f'zewg okkazzjonijiet naqas milli jattendi ghas-smiegh tal-kawza tieghu, l-imputat ghandu jinghata piena karceraja effettiva b'tul medju bil-ghan ukoll illi jibda jindirizza l-problemi akuti li ghandu.

**Decide:**

Ghaldaqstant, ghal dawn ir-ragunijiet, il-Qorti wara li rat l-artikolu 579(1) u (2), l-artikolu 579(3) u l-artikolu 49 u 50 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta qed issib lill-imputat **RODERICK MONREAL HATI** tal-akkuzi kollha kif dedotti fil-konfront tieghu u tenut kont tac-cirkostanzi kollha tal-kaz tqis li piena ta' **sena prigunerija effettiva** hija idoneja li minnha ghandu jitnaqqas il-perjodu li huwa ghamel taht arrest preventiv in konnessjoni ma' dawn il-proceduri.[18]

Barra minn dan din il-Qorti qed tirrevoka l-helsien mill-arrest kemm ghal dak li jirrigwarda l-kawza relatata mad-digriet tat-3 ta' Settembru 2021 kif ukoll ghall-kawza relatata ma' dak tal-31 ta' Jannar 2023 moghtija mill-Qorti tal-Magistrat (Ghawdex) per Magistrat Dr. Simone Grech u tordna li l-hati jigi arrestat mill-gdid in konnessjoni ma' l-istess proceduri.

Din il-Qorti ma jidhrilhiex li dak kommess mill-imputat, ghalkemm serju ghandu jimporta wkoll li l-garanziji personali kollha f'dawk il-kawzi jigu

[18] Mulat u/jew prigunerija ghal zmien erbgha (4) xhur sa (2) sentejn. Art. 579(2) tal-Kap 9.

konfiskati favur il-Gvern ta' Malta u sabiex ma tkomplix tgharraq finanzjarament lill-imputat qeghda tordna li ghandha tigi konfiskata biss is-somma ta' mitejn Ewro (€200) minn kull wiehed miz-zewg digrieti li l-ksur taghhom huwa l-mertu ta' dawn il-proceduri, liema somma ghandha tittiehed skond il-ligi[19] u dan qed isir ukoll fid-dawl tat-tibdiliet li saru fil-ligi relattiva li hallew id-diskrezzjoni dwar il-konfiska tad-depozitu u tal-garanzija f'idejn il-Qorti.

Il-Qorti ukoll tirrikomanda lil-Kap Ezekuttiv tal-Facilita' Korrettiva ta' Kordin biex minnufih jaghti dik l-ghajnuna u assistenza kollha necessarja sabiex il-hati jirrijabilita ruhu mill-problemi ta' abbuz ta' droga u problemi ohra li jista' jirrizulta li jbaghti minnhom u dan wara li ssirlu d-debita evalwazzjoni.

Il-Qorti tordna komunika lir-Registratur tal-Qrati Kriminali sabiex jigbor dak li hu dovut skond l-ordni moghtija b'din is-sentenza.

Il-Qorti tordna ukoll illi kopja ta' din is-sentenza tigi komunikata lill-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) kif preseduta mill-Onor. Magistrat Dr. Simone Grech li qed tippresjedi l-imsemmija kawzi.

In oltre, ai termini tal-Artikolu 412D tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti qeghda tohrog Ordni tat-Trattament fil-konfront tal-hati Roderick Monreal ghall-perjodu ta' tlett snin sabiex l-imputat jindirizza l-problema ta' l-abbuz mid-droga u problem ohra li gia hargu mir-rapport tal-Ufficcjal tal-Probation kif aktar qabel imsemmi. L-ufficjal tal-Probation ghandu jaghzel

[19] Ara f' dan is-sens dak li qalet il-Qorti tal-Appell Kriminali fil-kawza **Il-Pulizija vs Stefan Muscat** (App. Nru. 133/2020) deciza fl- 20 ta' Ottubru 2020 per Onr. Imhallef Consuelo Scerri Herrera (pg. 26-28), kif ukoll fil-kawza Il-**Pulizija vs Aaron Steven Stewart Edward Ritchie** deciza fis- 26 ta' Novembru 2021 per Onr. Imhallef Edwina Grima (Pagan 5 u 6). Il-Qorti tinnota li it-telf ta' parti jew kollu tal-garanzija personali **hija tassattiva** ghax il-kliem tal-ligi jghidu '**ghandu**'.

il-lok l-aktar adattat ghac-cirkostanzi tal-hati fejn il-hati ghandu joqghod ghall-programm residenzjali biex johrog mill-abbuz tad-droga u dan fit-terminu ta' din l-ordni. L-Ordni tat-Trattament ta' tlett snin ghandha tibda tiddekorri minn dik id-data li fiha l-hati ikun jista' jibda programm residenzjali kontra l-abbuz tad-droga, kunsidrat il-piena karcerarja li jrid ukoll jiskonta.

Il-Qorti spjegat lill-hati Roderick Monreal fi kliem car u semplici l-obbligi tieghu taht din is-sentenza u l-konsegwenzi jekk huwa ma jonorax l-istess.

Il-Qorti tordna li kopja ta' din is-sentenza tinghata lill-partijiet u li kopja tal-imsemmija sentenza titpogga fuq is-sistema online tal-Qrati minnufih.

Moghtija llum 15 ta' Jannar, 2025 fil-bini tal-Qorti f'Malta.

***Magistrat Dr. Monica Vella LL.D, M. Jur.***

Annalise Mifsud

Deputat Registratur